TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 106/14-F

**Marthese Farrugia**

**vs**

**Melita P.l.c.**

Illum 7 t'Ottubru, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Mejju, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' seba' mija, u għoxrin ewro (€720), rappreżentanti abbonament għall-pakkett tas-servizzi ma' Melita P.l.c.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet abbonat għall-pakkett tas-servizzi mas-soċjeta' ntimata Melita P.l.c, b'kuntratt ta' sentejn pero' wara tmien xhur irċeviet *notice* sabiex tħallas iktar biex l-i*speed* tal-internet jiżdied u wara li sar xi test ġie nnutat li l-i*speed* kien ta 10mb u mhux ta' 60mb kif kellu jkun oriġinarjament. Illi minkejja li r-rikorrenti ma ħallsitx taħt protesta, is-servizz baqa' jintuża u għalhekk mhux ġustifikat li s-servizz jinqata'.

It-Tribunal, jinnota li s-soċjeta' ntimata, sa ċertu punt ma żammitx mal-kuntratt oriġinali minkejja li talbuha aktar flus, is-servizz naqas mill-ġdid.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u minflok l-ammont ta' disa' mija, u disgħa w erbgħin ewro u sittin ċenteżmi (€949.60), jiġi ridott għal 60% inqas, jiġifieri għal ħames mija u disgħa w sittin ewro, u sitta w sebgħin ċenteżmi (€569.76), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888